# Tiġrijiet Marjani f'Malta u Għawdex

Kitba ta' Guido Lanfranco



Meta rridu mmorru nassistu għal xi festa, daż-żmien kemm naqbdu l-karrozza u naslu fi ftit minuti, imma minn qabel ma waslet l-Ordni f'Malta sakemm bdew jitfaċċaw mezzi ta' trasport pubbliku aktar komdu, bħal-omnibus, il-karrozzin u t-tren fl-aħħar snin tas-seklu dsatax, kulħadd kien ikollu juża l-ħmir, bgħula u żwiemel bil-karrettun jew mingħajru; min ma kellux bhejjem kellu jimxi jew jiddobba lift fuq mirkeb ħaddieħor.

## Il-bidu tat-tiġrijiet

Minbarra l-festi lokalizzati fl-irħula kien hemm dawk li fihom jikkonkorri l-poplu kollu. Qabel l-Ordni ta' San Ġwann ġa kien hemm L-Imnarja f'Malta u Santa Marija f'Għawdex. Kien hemm ukoll San Girgor taż-Żejtun, okkażjoni votiva jew penitenzjali, għalhekk ma kienetx issir bid-divertiment u l-briju imma wara, kif isibu ruħhom miġbura hemm, il-biċċa l-kbira tan-nies kienu jinżlu Marsaxlokk ħdejn il-baħar. Issa, fi żmienna, n-nies xorta għadhom imorru Marsaxlokk f'San Girgor, imma 'jinsew' imorru ż-Żejtun għall-pellegrinaġġ kif oriġinarjament kien l-iskop prinċipali; il-pellegrinaġġ t-issa huwa minimu imma għadu jsir. Meta ġew il-Kavallieri f'Malta fis-seklu sittax inkuraġġew dawn l-okkażjonijiet u fost oħrajn kabbru l-karnival u introduċew il-festa ta' San Ġwann Battista l-protettur tagħhom. Il-festi l-aktar mistennija f'Malta kienu San Ġwann, L-Imnarja u San Girgor u f'Għawdex Santa Marija taċ-ċittadella. Għal dawn, kienu jinġabru n-nies minn lejliet, u kienu okkażjonijiet fejn setgħu jiltaqgħu familji, ġirien u oħrajn u dawn kienu joffru ftit mill-okkażjonijiet li fihom kien jitqanqal in-namur meta jiltaqgħu iż-żagħażagħ. Billi kienu jinġabru għadd kbir ta' nies bil-bhejjem tat-trasport u tax-xogħol, sa mill-qedem kienet tinħass ħaġa naturali li uħud kienu jtellquhom bħala divertiment; mhux biss itellqu l-bhejjem, imma l-irġiel kienu jtellqu bejniethom kif għadu jsir fi żmienna fil-festa tal-Karmnu ta' L-Imdina. F'Malta jġerru l-bhejjem mingħajr sarġ jew arneżi oħra ħlief il-kappestru. Diversi kittieba lokali u barranin kitbu dwar l-istil tat-tiġrijiet tradizzjonali. Agius De Soldanis fl-1738 jgħid ukoll li kienu jsiru tiġrijiet mhux biss tal-bhejjem, imma wkoll ta' l-irġiel. Sfortunatament sal-ġurnata ta' llum għad ikun hemm moħqrija bit-tingiż, xokkijiet u metodi oħra, imma issa qed isiru aktar kontrolli mill-pulizija u entitajiet oħra. Għall-ewwel kollox kien ikun spontanju u diżordnat imma ftit ftit it-tiġrijiet bdew jiġu kontrollati u organizzati aħjar. Fejn in-nies kienu jiltaqgħu fuq id-dgħajjes għall-festi qrib ix-xatt bdew, minbarra l-ġostra, jorganizzaw tiġrijiet fuq il-baħar, bħalma jsir fil-Vitorja u sar ukoll f'xi festi oħra qrib il-portijiet. Mill-1838 l-organizzazzjoni tat-tiġrijiet ġiet f'idejn il-Pulizija li kienet toħroġ regolamenti biex jitrażżan il-ġlied, tfixkil u ntoppi oħra. Baqgħu taħt il-kontroll tal-pulizija sas-snin sebgħin tas-seklu għoxrin meta għadda kollox f'idejn il-Kumitat Festi Nazzjonali. Fl-aħħar nofs tas-seklu dsatax id-divertimenti pubbliċi avżati (bħala eżempju għas-sena 1889) kienu: 2 ta' Marzu jibda l-karnival; 29 ta' Ġunuju tiġrijiet tal-bhejjem ir-Rabat (fl-Imnarja); 22 ta' Lulju tiġrija ta' l-irġiel fl-Imdina (din kienet tal-Karmnu); 15 ta' Awissu tiġrijiet tal-bhejjem f'Għawdex (Santa Marija); 16 ta' Awissu tiġrijiet tal-bhejjem fil-Pjeta (ta' Santu Rokku); 8 ta' Settembru regatta jew tiġrijiet ta' dgħajjes fil-Port il-Kbir. Minn dan naraw li t-tiġrijiet kienu sors prinċipali ta' divertiment.

It-tiġrijiet tradizzjonali l-aktar kienu jew magħrufa assoċjati mal-qaddisin huma:- L-Imnarja, San Ġwann, Santu Rokku, San Ġorġ (Għawdex), San Kaloġeru (Għawdex), Santa Margerita (Għawdex). Tiġrijiet fil-festi Marjani huma:- Santa Marija (Għawdex Rabat u Iż-Żebbuġ), Viżitazzjoni, Madonna tal-Karmnu, Kunċizzjoni, Madonna ta' Loreto, Bambina jew Vitorja (Malta u x-Xagħra) u tas-Sokkors (Kerċem). Dan ma jfissirx li ma jkunx hemm oħrajn lokalizzati li jsiru kultant f'xi belt jew raħal.

## Santa Marija jew l-Assunta

Il-Matriċi t'Għawdex, bit-titular ta' l-Assunta kienet dejjem

tiċċelebra l-festa bil-proċessjoni filgħodu, ukoll jekk mhux bl-istatwa. Meta Għawdex sar djoċesi għalih il-Matriċi saret il-kattidral u l-isqof kellu s-sede tiegħu. Il-kapitlu u l-gvern bejniethom dejjem ħadu ħsieb iħallsu l-ispejjeż tat-tiġrijiet li, fis-seklu dsatax, bdew jiġu organizzati aħjar u jipparteċipaw fihom ħmir, bgħula, dwieb u żwiemel bil-premjijiet flus jew palji. L-univerità ta' Għawdex kienet ħarġet bandu li nqara fl-10 ta' Lulju 1587 biex jagħtu tliet paljijiet (tal-bellus, tad-damask u tal-ħarir) biex jiżdiedu t-tiġrijiet imma bl-iskop doppju li jħarrġu ż-żwiemel li jintużaw għad-difiża tal-gżira. Kienu jġibu żwiemel biex jipparteċipaw ukoll minn Malta bil-patt li jibqgħu Għawdex għall-kavallerija. It-triq prinċipali tar-Rabat tissejjaħ Triq it-Tiġrija (Strada Corsa) u kien fiha tliet settijiet ta' plieri li jimmarkaw il-bidu tat-tiġrijiet tal-ħmir u taż-żwiemel; tal-ħmir tkun l-iqsar. Il-gran mastri kienu jmorru Għawdex jippreżentaw il-premjijiet minn fuq il-barrakka mibnija apposta. Fl-1746 il-Gran Mastru Pinto nnifsu ppreżenta l-premjijiet. Fl-1826 il-gvernatur Hastings mar Għawdex ma' martu u żewġ bniet uliedu biex jassisti għall-festa u t-tiġrijiet. Sal-ġurnata ta' llum fil-gazzetta tal-gvern dejjem joħorġu r-regolamenti għal dawn it-tiġrijiet u kull tiġrija oħra tradizzjonali li tkun se ssir, fosthom (bħal fl-1988) it-tiġrijiet taż-Żebbuġ Għawdex fejn kellhom isiru xi ġimgħa wara dawk tar-Rabat. It-tiġrijiet ta' Santa Marija fil-15 ta' Awissu jorganizzawhom tal-Każin tal-Banda Leone. Fost it-tiġrijiet ikun hemm nofshom jew aktar minn Malta u jingħataw tazzi u palji lir-rebbieħa. Din il-festa tiġbed eluf ta' Maltin lejn Għawdex u saret tradizzjonali wkoll għalihom. Jitilgħu ukoll bosta turisti u ġie li nisimgħu li xi ħadd minnhom intlaqat minn xi żiemel waqt it-tiġrijiet.

## Viżitazzjoni jew Porto Salvo u Stella Maris

Fis-seklu sittax f'Malta kien hawn qrib l-għoxrin knisja dedikata lill-Madonna bit-titlu tal Viżitazzjoni. L-Ordni ta' San Ġwann kellha devozzjoni lejn dan it-titolu għaliex San Ġwann Battista kien protettur tagħhom u, meta l-Madonna għamlet il-viżta tagħha lil Santa Eliżabetta, il-preżenza tagħha ġiet interpretata, u bil-protezzjoni tagħha dak il-qaddis wasal u twieled b'wiċċ il-ġid. Mhux biss, imma bħalma San Ġwann Battista wasal fis-sliem il-baħħara, inkluża l-Ordni, bdew iqisu li l-Madonna tal-Viżitazzjoni twassalhom ukoll fis-sliem fil-port wara l-perikli tal-baħar. Il-knejjes dedikati lill-Viżitazzjoni li jinsabu qrib il-portijiet jissejħu wkoll tal-Porto Salvo, jiġifieri waslu salvi u protetti fil-port, jew fil-port fis-sliem. Tad-Dumnikani tal-Belt hija qrib il-portijiet. Dik ta' l-Isla li fl-1702 ngħatat lill-Filippini ta' l-Oratorju, kellha l-festa fit-2 ta' Lulju u kienet tradizzjoni sa mill-1685 li jsiru tiġrijiet tad-dgħajjes fil-Port il-Kbir sakemm aktar tard bdew isiru dawk ta' nhar il-Vitorja. Għalihom kienu jingħataw palji tal-ħarir b'kuluri differenti; id-drawwa waqfet fl-1759. Maġistrati jew kbarat oħra kienu jmorru jaraw it-tiġrijiet f'tarf l-Isla u wara jqassmu l-palji, u wara l-gran mastru kien joffrilhom l-ikla tal-festa. Fl-Għarb, fejn m'hemmx port, fil-festa tal-Viżitazzjoni, isiru tiġrijiet tal-ħmir u ż-żwiemel; fil-gazzetta tal-gvern niltaqgħu ma' avviżi li jħabbru r-regoli ta' dawn it-tiġrijiet li jsiru f'Lulju. Ta' min ifakkar li l-parroċċa ta' Stella Maris f'Tas-Sliema għandha l-inkwadru titulari ta' Porto Salvo. Juri lill-Madonna tħares lill-baħħara fil-port; dan kien darba fil-knisja ta' Porto Salvo l-Belt. 'Tas-Sliema' tfisser tas-sliem għax darba kien hemm knisja ċkejkna f'tarf il-port li twennes lill-baħħara devoti li jidħlu b'wiċċ il-ġid u fis-sliem fil-port. Hawn tajjeb inżidu li fl-14 ta' Lulju 1929 il-Każin Stella Maris organizza tiġrijiet taż-żwiemel. Dawn kienu jibdew mix-Xatt sal-ġnien tal-Gżira lejn Ta' Xbiex, u kienu baqgħu isiru fis-snin tletin; dawn bħallikieku reġgħu qajmu t-tradizzjoni li kien hemm fis-seklu dsatax meta fl-istess żmien tas-sena u fl-istess triq kienu jsiru t-tiġrijiet tal-Karmnu.

## Tas-Sokkors jew Kunċizzjoni

Ftit qabel il-festa tal-Kunċizzjoni tal-1992, (bħala eżempju), fil-gazzetta tal-gvern deħeru r-regolamenti li soltu jidhru biex isiru it-tiġrijiet, din id-darba għal dawk tat-8 ta' Diċembru fi Triq ir-Repubblika, Għawdex. Bħas-soltu kien hemm li:- l-annimali għandu jkollhom il-ħadida tal-brilja, numru tar-reġistrazzjoni m'għonqhom; ma jintużawx strumenti bil-ponta; rikkieba jilbsu diċenti u jekk taħt it-18-il sena iridu l-permess tal-ġenituri; ma jintużawx mezzi kontra rivali; bhejjem mingħajr rikkieb fil-final ma jgħoddux. Imma joħorġu regolamenti simili wkoll għat-tiġrijiet li jsiru lejn nofs Lulju f'Kerċem għall-festa tal-Madonna tas-Sokkors. Jidher li l-ewwel darba li f'Kerċem bdew isiru dawn it-tiġrijiet kien fit-8 ta' Lulju 1984. Qed insemmu l-Kunċizzjoni u s-Sokkors flimkien għax għalkemm kienu pjuttost denomainazzjonijiet separati fis-seklu sittax, fis-seklu sbatax aktar bdew jirreferu għalihom bħallikieku l-istess ħaġa. Fost oħrajn, f'Bormla bdew b'tas-Sokkors u spiċċaw bil-Kunċizjoni. Fiż-żewġ denominazzjonijiet fil-pittura jingħata l-messaġġ li l-Madonna qed tgħaffeġ taħt riġlejha d-demonju jew simbolu tiegħu biex issalva lill-bniedem.

## Tal-Karmnu

Fl-14 ta' Lulju, 1881 saret l-inkurunazzjoni ta' l-inkwadru

tal-Madonna tal-Karmnu tal-Belt. Għall-okkażjoni saru tiġrijiet tal-bhejjem f'Tas-Sliema mix-Xatt sa Ta' Xbiex u baqgħu isiru għal xi snin wara. Dakinhar il-gvernatur kien daħal Marsamxett bil-gondla tal-port biex isegwi l-festi li attiraw eluf ta' nies. Fl-1880, minbarra t-tiġrijiet tal-bhejjem għamlu wkoll regatta bid-dgħajjes. Baqgħet issir sal-1928. Wara l-1929 bdew isiru f'Il-Pjeta, u aktar wara baqgħu isiru t-tiġrijiet ta' l-Imdina. Fis-seklu għoxrin kompliet issir imma f'diversi snin ma saretx bħal meta l-papa Ljun XIII kien marid (1903), żmien l-ewwel gwerra dinjija (1915-16) u fl-1919 minħabba s-Sette Ġugno. Kienu jtellqu l-ponijiet u ż-żwiemel li kienu jagħmlu l-provi minn xi ġimgħa qabel. Kienu jagħtu l-palji tal-ħarir bħala premjijiet. Dawn kienu jaslu fil-għodu quddiem il-palazz tal-Belt bil-banda u wara nofsinhar jeħduhom Tas-Sliema bil-baħar. Fl-1877 fil-festa tal-Madonna tal-Karmnu fil-Balluta, San Ġiljan, kienet saret regatta bid-dgħajjes, u għaliha kienu ġew bosta nies bl-omnibus. Meta kienu jsiru t-tiġrijiet fil-Pjeta kienu jinġabru ukoll eluf ta' nies. Kienu jsiru l-festi tal-Karmnu fil-knisja u marċi fit-toroq tal-Belt imma t-tiġrijiet kienu l-Pjeta.

Sa mis-seklu sbatax il-festa tal-Madonna tal-Karmnu kienet tiġi ċelebrata bl-involviment tat-tiġrijiet meta l-Karmelitani, li waslu r-Rabat fl-1418, marru L-Imdina fl-1659. Fit-tielet Ħadd ta' Lulju kienu jtellqu fihom irġiel u żgħażagħ matul Triq Villegaignon mit-Torri ta' l-Istandard sas-sur. Għall-ewwel, sas-seklu tmintax, dawn it-tiġrijiet kienu jiffurmaw parti minn dawk li jsiru fl-Imnarja fuq l-istess korsa tal-bhejjem, għalhekk kellhom ħafna tfixkil mill-folol ta' l-ispettaturi u bdew isiru separatament għall-festa tal-Karmnu. Fl-1748 it-tiġrijiet ta' l-irġiel ittrasferewhom għall-festa ta' Sant Anna minħabba xi ntoppi. Fl-1967 il-pulizija ma riedux ikomplu jorganizzawha għax ma kienx hemm aktar fondi u kienu joħorġu l-ispejjeż huma, imma fl-1975 reġgħu qajmuha l-patrijiet u kompliet issir lejlet il-festa qabel il-ġiġġifogu. It-tiġrijiet ta' l-irġiel għadhom isiru fi żmienna organizzati mill-Kumitat Festi Esterni għax baqgħu attrazzjoni popolari bil-Banda L-Isle Adam u logħob tan-nar. Fil-gazzetta tal-gvern jidhru r-regolamenti meta tkun se ssir fir-Rabat ta' Għawdex bit-tiġrijiet tal-bhejjem.

Id-devozzjoni lejn il-Madonna tal-Karmnu tidher ukoll fil-bosta niċċec tat-toroq u l-kantunieri f'Malta u Għawdex. Il-Munxar Għawdex hemm niċċa tal-Karmnu fil-misraħ tal-knisja li, fis-16 ta' Lulju jum il-festa, kienu jżejnuha bil-fjuri, jixgħelu xemgħat u jagħmlu tiġrijiet ta' l-irġiel u ż-żgħażagħ fit-toroq tar-raħal. Lir-rebbieħa kienu jtuhom palji li wara aktarx kienu jingħataw lill-knisja.

F'Għajnsielem, fit-triq li tagħti għar-Rabat hemm niċċa tal-Madonna tal-Karmnu li fl-1879 l-isqof ikkonċedielha indulġenzi għal min jitlob quddiemha. Fil-festa tal-Karmnui in-nies kienu jixgħelulha u jżejnuha bil-bnadar u kienu jorganizzaw ukoll tiġrijiet ta' l-irġiel; bħal f'tiġrijiet oħra simili bħala premju kienu jieħdu xi beritta jew haġ'oħra ta' lbies.

## Tal-Bambina jew Vitorja

Kulħadd familjari mar-regatta li ssir fil-Port il-Kbir fil-festa tal-Vitorja jew l-Otto Settembre b'tifkira ta' l-assedju l-kbir minbarra li t-titular ta' L-Isla iġib miegħu il-festa tal-Bambina. Fi żmien l-Ordni kienet issir il-festa tal-Vitorja imma għal ħafna snin ir-regatta ma kenitx issir fl-Otto Settembre, imma fil-festa tal-Viżitazzjoni kif ġa semmejna u wkoll fil-festa tal-Madonna ta' Liesse.

Fix-Xagħra Għawdex għandhom il-Bambina jew Nativita tal-Madonna bħala titular, u fil-festa, sa mis-seklu tmintax, il-Konti Ciantar isemmi li kienu jsiru it-tiġrijiet tal-bhejjem. Għadhom isiru t-tiġrijiet u jingħataw il-palji. Ir-regolamenti jiġu avżati fil-gazzetta tal-gvern.

F'Tas-Sliema kienet issir il-festa ta' l-Otto Settembre jew festa nazzjonali. Dan għax fit-tieni nofs tas-seklu dsatax kienu bdew jiffurmaw każini u baned u fost oħrajn twaqqfet I Cavalierei di Malta. Għalhekk kienu jiċċelebraw l-Otto Settembre u wkoll San Ġwann fix-Xatt ta' Tas-Sliema. Bħala eżempju ngħidu li fl-1889 saru hawn it-tiġrijiet taż-żwiemel.

## Ta' Loretu

Fil-festa tal-Madonna ta'Loretu f'Għajnsielem li ssir fl-aħħar Ħadd ta' Awissu jsiru wkoll tiġrijiet tal-bhejjem fi Triq l-Imġarr bir-regolamenti li jidhru fil-gazzetta tal-gvern ftit żmien qabel.

FRANKS
THE PERFUMERY
**Paola Square, Paola**